MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 166/2003

**Miller Distributors Limited**

**vs**

**Charles Lebrun f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Charob Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, hames mija u ghaxar Liri Maltin u hamsa u erbghin centezmu (LM1,510.45,0) rapprezentanti, in kwantu ghas-somma ta' hames mija u sebgha u sittin Lira Maltin u tnejn u**

**sebghin centezmu (LM567.72,0) ammont dovut minn Charles Lebrun f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Charob Enterprises Limited liema somma rapprezentata fi tlett (3) ` cheques' ritornati bhala 'refer to drawer', u in kwantu r-rimanenti s-somma ta' disa' mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (LM942.73,0) dovuti minn Charles lebrun personalment u rapprezentanti prezz ta' diversi oggetti mibjughin u kkonsenjati lill-istess Charles Lebrun fuq inkarigu tieghu stess;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 14 ta' Dicembru, tas-sena 2001, u bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-invoices relattivi sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-22 ta' April tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------